**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, il-Ġimgħa, erbgħa u għoxrin (24) ta' Jannar 2025

Kawża Nru 501/2025

**Il-Pulizija**

***(Spettur Rachel Aquilina)***

vs

**Arnold Baldacchino**

Il-Qorti,

- ***Preliminari***

Rat l-akkużi miġjuba kontra **<u>Arnold Baldacchino</u>**, iben Herbert u Grace nee Zammit, imwieled Attard, fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 1977 u residenti numru tmienja u tmenin (88), Triq l-Ifran, Valletta, Malta detentur tal-karta tal-identita numru 597277(M) talli fil-ħamsa (5) ta' April 2024 għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' bil-lejl (22:45hrs) fi Triq l-Imdina, Żebbuġ, Malta:

(1) saq vettura numru BCO 907 mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan; [1]

(2) saq vettura numru BCO 907 mingħajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.[2]

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata milli żżomm jew jkollha liċenzja tas-sewqan għall-perijodu taż-żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat l-affidavits u d-dokumenti kollha preżentati mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

[1] Artikolu 15(1)(a) tal-Kap. 65.
[2] Artikolu 3(1) tal-Kap. 104.

- ***<u>Fatti tal-Każ</u>***

Illi l-fatti f'dan il-każ huma brevement is-segwenti: nhar il-ħamsa (5) ta' April 2024, il-Pulizija kienu għaddejjin b'*road block* fi Triq l-Imdina, Żebbuġ, Malta. Għall-ħabta tal-ħdax neqsin kwart ta' bil-lejl (22:45hrs), il-Pulizija waqqfu vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni BCO 907. Ix-xufier ġie mitlub jidentifika lilu nniffsu kif wkoll intalab jipproduċi l-liċenzja tas-sewqan. Ix-xufier stqarr li la kellu karta tal-identita fuqu u lanqas liċenzja tas-sewqan. Pero ta n-numru tal-karta tal-identita tiegħu 597277(M) minn fejn ġie identifikat li kien jismu Arnold Baldacchino. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija irriżulta li dan ma kellux liċenzja tas-sewqan. Baldacchino kien infurmat li kienu sejrin jinħarġu l-akkużi fil-konfront tiegħu rigward dan il-każ.

Ikkunsidrat:

Minn eżami tas-sottomissjonijiet tad-difiża, id-difiża ma tikkontestax il-fatt li dakinhar tal-ħamsa (5) ta' April 2024 l-akkużat kien qed isuq il-vettura BCO 907 x'ħin twaqqaf mill-Pulizija. Infatti l-akkużat qed isejjes id-difiża tiegħu unikament fuq il-fatt li skont hu mir-records esebiti mill-uffiċjal ta' Transport Malta, ma joħroġx il-fatt li dakinhar tal-ħamsa (5) ta' April 2024 huwa ma kellux liċenzja tas-sewqan valida għax din kienet skadiet.

Din il-Qorti ma taqbilx. L-ewwel nett hemm l-ispjegazzjoni ċara u inekwivoka tax-xhud Kenneth Pace fl-affidavit tiegħu. Minn qari tat-test tal-istess affidavit huwa ċar kif Pace eżamina l-istess records tal-Awtorita dwar it-Trasport f'Malta u mill-istess records irriżulta li l-liċenzja tas-sewqan tal-akkużat kienet skadiet fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2008. Ix-xhud jispjega hekk fl-affidavit tiegħu:

> *"Minn riċerka li għamilt fir-rekords tal-Awtorita, jirriżulta li, Arnold Baldacchino, KI 597277(M), fil-5 t' April 2024, ma kellux liċenzja tas-sewqan Maltija valida, din skadiet fit-23 t'Ottubru 2008. (ara DOK. T.M. 1)*
>
> *Għalkemm Transport Malta bagħtet diversi formoli biex iġġedded il-liċenzja tas-sewqan, din ġiet imġedda fit-23 t'Ottubru 2024. (ara DOK T.M. 2 – pg 1 of 2 & pg 2 of 2"*[3]

Għalkemm l-abbli legali tal-akkużat enfasizza ħafna li d-dokumenti annessi mal-istess affidavit mhux jirriflettu l-informazzjoni mogħtija mix-xhud Kenneth Pace, dan lanqas m'huwa korrett. Din il-Qorti tinnota kif l-akkużat għamel biss riferenza għad-Dokument TM 1 u ma irrefera bl-ebda mod u manjiera għad-dokument TM 2.

[3] Fol. 12 tal-proċess.

Id-Dokument TM 2 jindika biċ-ċar: (1) id-dati ta' meta intbagħtu r-*renewal requests* lill-akkużat; (2) id-data ta' meta saret ir-*renewal* tal-liċenzja kif wkoll l-ammont ta' arretrati li kienu dovuti u saħansitra l-*late payment fee* li ġiet imposta. Skont is-sistema ta' Transport Malta inħarġu xejn anqas minn tlettax (13) -il *renewal request* bejn is-sena 2008 u l-15 ta' Ottubru 2024. Jekk tabilħaqq l-akkużat kellu liċenzja valida għall-perijodu kollu mill-24 ta' Ottubru 2008 sat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2034 hekk kif issostni d-difiża, ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li joħorġu tali *renewal requests*. Lanqas kien ikun hemm il-ħtieġa li fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2024 l-akkużat iħallas arretrati sostanzjali sabiex tinħariġlu l-liċenzja kif wkoll il-*late payment fee*. Għall-Qorti dan kollu jindika biċ-ċar kif effettivament l-akkużat ma kellux liċenzja tas-sewqan valida fil-ħamsa (5) ta' April 2024. Għar-raġunijiet li jafhom huwa biss, l-akkużat baqa' ma ġeddidx il-liċenzja tiegħu għal sittax (16) -il sena sħaħ u kien biss fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2024 li irregola l-posizzjoni tiegħu u għażel li jġedded l-istess.

Id-difiża tipprova toħloq dubju rigward il-fatt li fid-Dokument TM 1 *ir-renewal period* qiegħed jindika il-perijodu bejn l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2008 u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2034. Mill-istess parti tar-*renewal* pero huwa ċar li l-liċenzja toħroġ għall-perijodu ta' għaxar (10) snin. Dan huwa in linea ma' dak li tistabilixxi d-Disa' Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18. Infatti l-akkużat ottjena l-ewwel liċenzja tiegħu fil-wieħed u tletin (31) ta' Awissu 1998, liema liċenzja imbagħad skadiet fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2008. **Li kieku**

**veramen**t **l-akkużat kien qed iġedded il-liċenzja tiegħu regolament**, kien ikun hemm indikat f'din il-parti perijodi oħra ta' għaxar (10) snin. Infatti kien ikun imissu tiġdid fl-2018 u tiġdid ieħor fl-2028. Dan mhux il-każ: infatti m'hemm l-ebda perijodu ieħor ta' għaxar (10) snin li ġie indikat apparti l-perijodu tal-wieħed u tletin (31) ta' Awissu 1998 u t-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2008. Id-data tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2034 ġiet indikata wara li l-istess akkużat fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru 2024 ġedded il-liċenzja tiegħu u allura skatta t-terminu ta' għaxar (10) snin validita tal-liċenzja minn meta huwa ġedded l-istess.[4] **B'daqshekk pero ma jfissirx u ma jistax jiġi interpretat li fil-ħamsa (5) ta' April 2024 l-akkużat kien qiegħed isuq b'liċenzja valida tas-sewqan.** Id-Disa' Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 ma tippermettix li liċenzja toħroġ għall-perijodu ta' validita ta' sitta u għoxrin (26) sena. Għaldaqstant il-konklużjoni li qed tagħmel id-difiża li l-akkużat kien kopert b'liċenzja valida mill-erbgħa u għoxrin (24) ta' Ottubru 2008 hija skorretta.

Kuntrarjament wkoll għal dak li tgħid id-difiża, id-data tat-23 ta' Ottubru 2047 mhux qed tindika xi perijodu ta' validita tal-liċenzja. Qiegħda sempliċiment tindika li la darba l-akkużat jagħlaq sebgħin (70) sena irid ikun hemm *review* tal-liċenzja. Infatti hemm il-kelma "*review*" taħt l-istess data. Dan biex jiġi konfermat li l-persuna tkun għadha f'posizzjoni

[4] Jiġi senjalat li l-affidavit ta' Kenneth Pace sasr fit-18 ta' Diċembru 2024 u ċioe **wara** li l-akkużat kien ġedded il-liċenzja.

li issuq.  Dan in linea ma' dak li tistabilixxi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18.

Għalkemm fl-affidavit tiegħu PS 508 Aidan Gatt jistqarr li minn verifika li għamel mal-*control room* dakinhar li kien qed iseħħ ir-*road block* irriżulta li l-liċenzja tal-akkużat kienet revokata, mill-provi prodotti dan irriżulta li ma kienx il-każ.  Il-Qorti tqis li l-aħjar prova li setgħet ressqet il-Prosekuzzjoni – u ċioe x-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta – hija ressqitha.  Fi kwalunkwe każ wkoll, il-Qorti xorta ma setgħetx toqgħod fuq dak li seta' rriżulta lill-uffiċjal tal-Pulizija dak il-ħin anke għaliex dik tammonta għal *hearsay evidence* li mhix ammissibbli bħala prova.

Din il-Qorti għalhekk hija ampjament konvinta li fil-ħamsa (5) ta' April 2024 l-akkużat kien qed isuq vettura mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan valida u għalhekk l-ewwel (1) akkuża ġiet pruvata.

Fir-rigward it-tieni akkuża, la darba l-akkużat kien qed isuq mingħajr liċenzja tas-sewqan, l-akkużat b'mod awtomatiku ma setax kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni.  Dan hekk kif anke ġie rilevat mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi sentenzi rigward din il-materja.  Ma inġabet l-ebda prova min-naħa tad-difiża – anke fid-dawl ta' dak li jistipula l-artikolu 3(1A) tal-Kap 104 – li tindika li l-akkużat kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni minkejja li huwa ma kellux liċenzja valida tas-sewqan. Għalhekk it-tieni akkuża tirriżulta wkoll.

- ***Decide***

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 15(1)(a) u 15(3) tal-Kap. 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 3(1), 3(2)(a) u 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-akkużat **Arnold Baldacchino ħati tal-akkużi kollha** miġjuba fil-konfront tiegħu u qed tikkundannah għall-ħlas ta' multa komplessiva ta' **elfejn u erba' mitt ewro (€ 2,400)**. Qed tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għall-perijodu ta' tnax (12) - il xahar li jibdew jiddekorru min-nofs il-lejl u minuta ta' għada.

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**